**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 26 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 824/01 AJD*

Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-npm ta' l-Enemalta

vs

Joseph Falzon

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenuta jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici pro et nomine s-somma komplessiva ta' mitejn u erbgha u hamsin liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm254.59), in kwantu ghal mija u sitta il-lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm116.38) kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, u in kwantu ghal mija u tmienja u tletin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm138.21) ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, fil-fond 2, Triq il-Wied, Sqaq Numru 3, Qormi, ghall-perijodu bejn it-30 ta' Dicembru, 1998 sa l-10 ta' Jannar, 2001, skond il-kont numru 225/619270 u d-dokumenti WSC 1, WSC 2 u WSC 3.
Bl-ispejjes, inkluzi Lm8.50 ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru, 1996, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mill-Korporazzjoni attrici fid-19 ta' Ottubru, 2001, fejn hija cediet is-sorte, imma zammet ferm il-kap tal-ispejjes u dan stante transazzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta' din l-istanza.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR